



0095/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-promozzjoni tal-konsum tal-ħut

**Ivan Jakovčić (ALDE), Tonino Picula (S&D), Jozo Radoš (ALDE),
Patricija Šulin (PPE), Tomáš Zdechovský (PPE), Nedzhmi Ali (ALDE),
Brian Hayes (PPE), Ruža Tomašić (ECR), Ivana Maletić (PPE), Anna
Záboršká (PPE), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE), Marian Harkin
(ALDE), Davor Škrlec (Verts/ALE), Ramon Tremosa i Balcells (ALDE),
Maria Grapini (S&D), Igor Šoltes (Verts/ALE)**

Data ta' skadenza: 12.12.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
dwar il-promozzjoni tal-konsum tal-ħut¹**

1. L-aktar data reċenti dwar is-suq tal-UE, li tinkludi l-2015, tikkonferma xejra ta' tnaqqis tal-konsum tal-ħut.
2. Din ix-xejra preokkupanti tirrikjedi azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE sabiex dan it-tip ta' konsum jingħata spinta.
3. Il-konsum tal-ħut inaqqas b'mod drammatiku l-possibiltajiet ta' mewt minn attakk tal-qalb, itejjeb l-iżvilupp tal-moħħ fit-tfal u jnaqqas it-tixjiħ tal-moħħ.
4. Il-ħut jipprovd kważi 20 % tal-konsum ta' proteini tal-annimali ta' aktar minn 3 biljun ruħ.
5. Porzjon ta' 150 g ħut tista' tipprovdi sa 60 % tal-ħtiġijiet ta' proteina ta' kuljum għall-adulti, kif ukoll tax-Xaħmijiet tajbin għas-saħħha bħal Omega 3.
6. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma għalhekk mitluba jimmobilizzaw il-fondi disponibbli u jmexxu kampanja ta' informazzjoni għaċ-ċittadini tal-UE immirata biex tippromwovi l-valur miżjud tal-konsum tal-ħut.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.